**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Paul Bond)

**vs**

**Kevin Catania**

Illum 08 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Kevin Catania , talli

> matul l-erba' gimghat ta' qabel l-10 ta' Marzu 2000, minn gewwa l-hanut maghruf bhalha "***Hank's***" li qieghed fi Triq il-Kbira Hal-Qormi, ghal-qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew jitqassam , diversi video cassettes u diski tal-casettes bi ksur tal-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u

protetti bil-ligi ta' Malta jew taħtha ; u aktar talli matul l-istess prjodu u fl-istess post, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' l-industrija cioe' tal-imsemmija video cassettes u diski tal-cassettes, jew xjentement, ghamel uzu minn dawn l-ogetti ffalsikati jew imbiddlin, ukoll jew minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid; bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq mill-imsemmija video cassettes u diski tal-cassettes.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat il-Kap 29 tal-ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah hamsin lira Maltin (LM 50) multa, tornalu li jhallas l-ispejjez tal-perizja maghmula fil-mori tal-

kawza skond digriet tat-3 ta'Mejju 2001 u tordna il-konfiska ta- l-oggetti esebiti.

Vera Kopja

| | |
|---|---|
| (ft) M.Mifsud | (ft) Dr.Joseph Cassar |
| Deputat Registratur | MAGISTRAT |